**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 12 ta' Lulju 2001**

**Rikors Nru: 74/99**

**Martin u Juliana Aquilina**

**Vs**

**Simonds Farsons Cisk plc**

Il-Bord,

Ra r-rikors li jghid;

Illi, huma jikru minghand is-socjeta' intimata il-fond numru 83, South Street, Valletta bil-kera ta' tnejn u tmenin liri Maltin (Lm82) fis-sena li jithallas kull sitt xhur bil-quddiem fl-1 ta' April u fl-1 ta' Ottubru.

Illi, permezz ta' ittra ufficjali prezentata fl-10 ta' Marzu 1999 is-socjeta' intimata avzat lill-esponenti illi ma kienitx fi hsiebha iggedded il-kirja tal-fond in kwistjoni jekk mhux bil-kera ta' tliet mija u tnejn u tletin liri Maltin (LM332) fis-sena u dan in vista ta' l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' intimata biex taghmel xogholijiet u tiswijiet strutturali fis-soqfa ta' l-istess fond.

Illi x-xogholijiet u tiswijiet imsemmija kienu riparazzjonijiet ta' natura straordinarja u sabiex jirrimedjaw ghal sitwazzjoni mill-aktar perikoluza u b' hekk a karigu tas-sid skond il-ligi.

Illi ghal kull buon fini, jigi dikjarat illi s-saqaf in kwistjoni ma jinsabx fil-fond "de quo" izda fil-fond sovrastanti.

Illi ghal kull buon fini wkoll, jigi dikjarat li f' rikors, deciz fit-2 ta' Dicembru 1993 dan il-Bord kien iffissa l-kera xierqa fis-somma ta' Lm82.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' intimata mhijiex tenibbli u ghandha tigi respinta.

Ghalhekk, l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jichad it-talba tas-socjeta' intimata.

Ra r-risposta;

Illi s-societa' esponenti tissottometti li t-talaba kontenuta fir-rikors ghandha tigi michuda fil-waqt li t-talba tal-esponenti kif tinsab dedotta fl-Ittra Ufficjali taghha tal-10 ta' Marzu, 1999, (Dok.A) ghandha tigi approvata u dan fid-dawl tal-ispiza kbira inkorsa mis-sid biex biddel is-soqfa tal-fond in kwistjoni. Il-fatt li t-tiswijiet setghu kienu responsabilita' tas-sid, huwa immaterjali ghax il-ligi tippermetti zieda fil-kera kull meta jsiru t-tiswijiet (artikolu 4 tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta). Qed jigu esebitit (Dok. B sa D) kopji ta' tlett dokumenti indikanti x-xogholijiet u l-ispiza li saret fil-fond in kwistjoni u dak meritu tal-kawza l-ohra fl-istess ismijiet numru 73/99/A.

Ra li dan ir-rikors mexa kontestwalment mar-rikors fl-istess ismijiet numru 73/99;

Ra d-digriet tieghu tas-27 ta’ Frar 2001 fejn gew nominati periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace;

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti li tqeghdet ghad-dispozizzjoni tal-partijiet li rremettew ruhhom ghaliha;

Ra l-verbal tal-31 ta’ Mejju 2001;

Billi fil-fond ma saru l-ebda xogholijiet jew tiswijiet jilqa’ t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

Dep.Reg Magistrat